8 ta' Mejju, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Angelo Aquilina *versus* Gaetano Zahra

**Kontijiet — Impunjazzjoni — Art. 394 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-fatt li wieħed, li jkun ġie kundannat ib sentenza biex jirrendi l-kontijiet fi żmien determinat, jonqos milli jirrendihom f'dak iż-żmien, u li għalhekk il-parti l-oħra kellha jiġi mogħti l-kont tippreżenta kont hija billi tipprevalixxi ruħha mid-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi, ma jfissirx illi dak li kellu jirrendi l-kontijiet, u ma rrendihomx, ma jistax jimpunja l-kont kif preżentat mill-parti l-oħra.*

Il-Qorti — **Rat l-att taċ-ċitazzjoni** quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut, malgrado l-interpellazzjoni lilu magħmula bl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu 1951, ma rrendiex kont ta' l-appalti li l-kontendenti eżerċitaw in soċjetà bejnethom, li fihom l-instant ħallas £35 flok il-konvenut, talab li l-konvenut jiġi kundannat biex, fi żmien li jiġi lilu prefiss, jirrendi kont ta' dawk l-appalti, u in difett l-instanti jiġi awtorizzat jippreżenta prospett indikanti l-profitti realizzati minn l-istess appalti, u, salva l-kritika tal-kontijiet li jirrendi l-konvenut, li l-istess konvenut jiġi kundannat iħallaslu l-ammont ta' £35 u nofs l-ammonti li fir-rendikont tal-konvenut, jew eventwalment fil-kont ta' l-instant, jiġi ndikat bħala profitti; bl-interessi kummerċjali minn notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-9 ta' Marzu 1951 u tal-mandat ta' sekwestru tat-12 ta' Marzu 1951;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Ġunju 1951, li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba, u għall-finijiet tagħha ġie prefiss lill-konvenut it-terminu ta' għoxrin ġurnata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija minn dik il-Qorti fil-11 ta' Diċembru 1951, li biha, wara li approvat il-prospett ta' l-

attur konformement għall-art. 394 Kap. 15, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £209. 5. 10½, kwantu għal £35 għall-antiċipju fuq imsemmi, u kwantu għal £174. 5. 10½ għal nofs il-profitti skond il-prospett..........; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut ma rrendiex il-kontijiet fit-terminu lilu mogħti b'dik s-sentenza, u ddiżinteressa ruħu mill-proċeduri, kif del resto jidher li għamel minn żmien qabel (ara ittra uffiċjali fol. 14);

Illi l-attur ipprepara l-prospett ta' dawn il-kontijiet per mezz tad-difensur tiegħu Dottor Filippo Nicolò Butigieg, li ta x-xhieda tiegħu spjegativa tal-prospett, kif għamel ukoll l-attur fol. 30;

Illi fit-tieni domanda l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut li jħallas lilu s-somma ta' £35 u nofs il-profitti li rriżultaw mill-kont tal-konvenut (kieku rrendieh u ġie approvat) jew mill-kont tiegħu (f'każ li l-konvenut ma rrendiehx, kif fil-fatt ġara);

Illi mill-provi deher illi għal xi żmien l-ispejjeż kien qiegħed joħroġhom l-attur..........;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li l-imsemmija sentenza tal-11 ta' Diċembru 1951 tiġi revokata rigward il-£35 mitlubin bħala rifużjoni, billi din is-somma ġiet kompensata bil-krediti ta' l-appellant, u billi tiġi revokata rigward il-kontijiet eżibiti, billi m'humiex kompleti, kemm formalment, kemm għaliex diversi partiti ġew maqbużin u ma hemm l-ebda riferenza għall-krediti mhux inkassati mill-kontendenti, u billi, għalhekk, tiġi ordnata r-reviżjoni tal-kontijiet, u hekk dik is-sentenza tiġi revokata; bl-ispejjeż kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bid-deċiżjoni fuq imsemmija tal-14 ta' Ġunju 1951 l-appellant ġie kundannat jagħti lill-attur ir-rendikont mitlub fi żmien għoxrin ġurnata, u billi huwa ma għamelx hekk f'dak it-terminu, l-attur ippreżenta l-prospett fil-fol. 21, 22 u 23, konformement għad-dispost ta' l-art. 394 tal-Kodiċi tal-Pro-

ċedura Ċivili; u l-Ewwel Qorti, bis-sentenza l-oħra tal-11 ta' Diċembru 1951, li fuqha jivverti dana l-appell, approvat il-kontijiet riżultanti minn dak il-prospett, u kkundannat lill-appellant biex iħallas lill-attur nofs il-profitti bl-istess prospett likwidati. Il-preżentazzjoni ta' l-imsemmi prospett in bażi għad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija ma għandhiex bħala effett li l-kontijiet hekk reżi ma jistgħux jiġu mpunjati mill-appellant (Kollez. Vol. XV, pag. 204, 596, u Vol. XXVIII—III—891); u għalhekk kien leċitu lill-stess appellant li jimpunjahom bħal ma għamel f'din l-istanza;

Ikkunsidrat;

*Illi bl-imsemmija sentenza tal-11 ta' Diċembru 1951* li għaliha huwa limitat dana l-appell, ġiet provvduta t-tieni domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni. Dina d-domanda hija ntiża (a) għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £35 li ġew lilu avanzati mill-attur biex bihom sar ħlas li l-istess konvenut messu għamel bi flusu, u (b) nofs is-somma li tirriżulta bħala profitti fir-rendikont tal-konvenut, jew eventwalment f'dak ta' l-attur jekk il-konvenut jonqos li jirrendi l-kont. *Kwantu għall-imsemmija somma ta' £35 ma jidherx li hemm* raġuni biex id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti tiġi mibdula, u hemm lok li jiġu adottati l-motivi ta' l-istess Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi mir-relazzjoni tal-perit legali adoperat f'dina l-istanza jirriżulta li l-kontijiet eżibiti bil-prospett ta' l-attur m'humiex korretti, u għalhekk ma għandhomx jiġu approvati......;

Minn dan jidher li l-ispejjeż komplessivi, maħruġin miż-żewġ kontendenti, jammontaw għal £4269. 12. 8, mentri l-introjti komplessivi jammontaw għal £4268. 0. 1, b'mod li hemm bilanċ passiv ta' £1. 12. 7........... U ladarba l-attur fiċ-ċitazzjoni qiegħed jitlob il-ħlas ta' nofs l-ammont li mill-kontijiet jirriżulta "bħala profitti", mentri profitti sa issa, meħudin in konsiderazzjoni l-inkassi magħmulin, għad ma hemmx, dik it-talba, kif formulata, ma tistax tiġi attiża kif *inhuma l-affarijiet il-lum*; salv lill-attur kwalunkwe dritt ieħor li jista' jkollu kontra l-konvenut, "si et quatenus", u salvi d-drittijiet ta' l-istess attur għal dawk il-profitti li jistgħu jirrealizzaw ruħhom 'il quddiem bħala effett ta' inkassi ta' flus

mill-appalti msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell, fis-sens li tirriduċi għal £35 is-somma kanonizzata favur l-attur u li l-appellant ġie kundannat iħallasu bis-sentenza appellata, u billi tirrespinġi t-talba ta' l-istess attur għall-ħlas ta' nofs il-profitti, peress li sa issa għad ma hemmx, u bir-riżervi fuq indikati favur tiegħu;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu nofs kull wieħed mill-kontendenti;

U fis-sens fuq imsemmi rriformat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-11 ta' Diċembru 1951.